MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 2/2013

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell numru: 02/2013**

**MARIE CARABOTT**

**Vs**

**KREA LIMITED**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur imoghtija fis-06 ta' Marzu 2014 fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-20 ta' Mejju, 2011, fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet elef, erba' mija w erba' u disghin ewro (€3,494), rapprezentanti prezz ta' bibien, liema bibien kienu zaghar u li wara li twahhlu, bdiet issir ilhom il-hsara.*

*Is-socjeta` ntimata pprezentant risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.*

*It-Tribunal jinnota wkoll illi s-socjeta` intimata ghamlet kontro-talba, fejn qed titlob l-ammont ta' elf u tminn mitt ewro (€1,800), rapprezentanti l-bilanc dovut tal-prezz t'ghamara mibjugha u nstallata mis-socjeta` ntimata, liema Kontro-Talba ma saritx fuq formola apposta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-socjeta` ntimata li huma rapprezentanti tas-socjeta` ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

***Ikkonsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrent issottomettiet bil-miktub u kkonfermat bil-gurament illi kienet ordnat bibien minghand id-ditta ntimata, liema bibien kien gralhom il-hsara, kif ukoll ma kinux ta' kwalita` pattwita.*

*Is-socjeta ntimata ssottomettiet illi x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti, illi ghadda bizzejjed zmien u ma nfurmawx lis-socjeta` ntimata fi zmien xahrejn.*

***It-Tribunal jinnota illi:-***

*It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, ra r-rapport tal-espert tekniku, fejn it-Tribunal jaghmel referenza ghat-tieni eccezzjoni illi tirreferi ghall-Art.79 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378), fejn hemm obbligu tar-rikorrenti sabiex tinforma lill-intimat bin-nuqqas tal-konformita' permezz ta' ittra u jinnota illi minn imkien ma jirrizulta li dan l-obbligu sar.*

*It-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghall-kawzi li jigu pprezentati fil-Qorti tal-Appell, kif ukoll ghal diversi sentenzi li ta t-Tribunal, fejn dan l-obbligu mhux talli jezisti, izda talli ghandu jigi nfurzat.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, kif ukoll qed jichad it-talba tal-Kontro Talba, u bl-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet."*

Aggravata b’dina id-decizjoni is-socjeta appellanti ressqet l-impunjattiva taghha mhux daqstant diretta lejn il-gudizzju milqugh in konnessjoni mar-rigett tat-talba attrici, izda limitatament ghal dik il-parti tad-*decide* fejn it-Tribunal cahad il-kontro-talba minnha imressqa. Allura il-pregudizzjali tas-socjeta appellanti hi wahda ta’ natura prettament guridika. Fiha hija tirrileva illi t-Tribunal kien zbaljat meta fil-gudizzju tieghu naqas ghal kollox milli jikkunsidra il-kontro-talba minnha avvanzata u ghadda biex jichad l-istess minghajr ma dahal biex jezamina l-mertu ta’l-istess. Tishaq illi lanqas ma kien minnu dak deciz mit-Tribunal illi l-kontro-talba ma gietx ipprezentata fuq il-formula appozita billi dan ma iwassalx ghan-nullita ta’l-istess u fi kwalunkwe kaz, l-kontro-talba saret fuq karta separata billi ma kienx hemm, bizzejjed spazju fl-avviz.

Illi l-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01 tistabilixxi ir-regolamenti li ghandhom jigu segwiti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi u il-formoli li ghandhom jigu uzati sabiex titressaq it-talba jew kontro-talba u ir-risposti kosnegwenzjali. Illi fit-Tieni Skeda ghar-regolamenti jinsabu il-formoli kollha appoziti inkluz ghalhekk dik il-formola mehtiega sabiex issir il-kontro-talba, fejn fil-formola tat-talba hemm indikat illi din tista’ tintuza ukoll sabiex issir il-kontro-talba apparti il-formola l-ohra ghal kontro-talba biss. Jidher illi s-socjeta appellanti uzat l-ewwel tip ta’ formola u annessa maghha hija ipprezentat dokument separat kontenenti karta fejn giet imfissra l-kontro-talba taghha u dan meta b’postilla fl-ispazju imholli ghad-dettalji tal-kaz saret referenza ghal tali kontro-talba. Din il-Qorti ma tarax ghalhekk illi s-socjeta appellanti naqqset milli tosserva b’xi mod ir-regolamenti surriferiti u ma tistax taqbel mat-Tribunal meta jikkonkludi illi l-kontro-talba ma gietx ipprezentata fuq il-formola appozita. Issa huwa minnu illi fir-regolament 5.1 hemm specifikat:

**"Flimkien mar-Risposta ghal Talba (Formula 2) tieghu intimat jista' wkoll jaghmel kontro-talba kontra r-rikorrent billi jimla' Avviz tal-Kontro-talba (Formola 1A) skond id-direzzjonijiet moghtija fuq il-formola. Il-kontro-talba ghandu jkollha x'taqsam jew tkun tirrigwarda t-talba li tkun saret kontra l-intimat, u l-valur tal-kontro-talba ma ghandux ikun jeccedi tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (3,494.06)**

Issa huwa minnu ukoll illi s-socjeta appellanti ma ipprezentatx il-kontro-talba fuq il-Formola 1A kif indikat f'dan ir-regolament, izda fuq il-Formola 1 li tindika illi din tista' tintuza ghal kontro-talba kif sehh f'dan il-kaz, izda minn imkien fil-ligi ma jirrizulta illi l-uzu tal-Formola 1 minflok dik 1A tista b'xi mod twassal ghan-nullita tal-kontro-talba. Tant hu hekk illi t-Tribunal ma huwiex marbut ma' formalizmu zejjed u rigur procedurali u kwindi gjaldarba il-formola giet debitament accettata mal-prezentata taghha mis-Segretarja tat-Tribunal kif stipulata fir-regolament 19.2, kwindi ma jidhirx illi tali formola kienet wahda mhux idonja kif konkluz mit-Tribunal.

**"Is-Segretarju jista' jichad li jilqa' xi dokument sabiex jigi prezentat kemm il-darba dan ma jkunx miktub fuq formola kif mehtiega b'dawn ir-regoli jew imtela skond id-direttivi moghtija fuq dik il-formola**."

Dan ifisser illi t-Tribunal ma setax jiskarta l-kontro-talba fuq dina l-premessa ghalkemm fid-decizjoni ma hux indikat jekk ir-rigett taghha kenitx unikament dovuta ghal dan il-fatt.

Premess dan irid jinghad ghalhekk illi l-kompitu ta' din il-Qorti ta' revizjoni huwa wiehed ferm difficli billi ma jistax jigi stabbilit dak li wassal lit-Tribunal ghar-rigett tal-kontro-talba billi fir-*ratio decidendi* ma issir l-ebda referenza ghal tali kontro-talba u allura ghal dak li wassal ghar-rigett taghha. Dak li jista' jigi inferit mid-decizjoni huwa illi it-talba attrici giet rigettata billi ma gietx segwieta il-procedura stabbililta fl-artikolu 79(1) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta u li allura is-socjeta appellanti ma gietx innotifikata fiz-zmien statutorju ta' xahrejn minn meta l-konsumatur intebah bid-difett fil-prodott ikkonsenjat. Illi wara li gie stabbilit dan l-fatt, it-Tribunal imbaghad ghadda biex cahad

kemm it-talba attrici kif ukoll il-kontro-talba minghajr ma hemm motivazzjoni ohra.

Illi l-att tac-citazzjoni u l-kontro-talba jippromwovu zewg azzjonijiet distinti li ghandhom ezistenza indipendenti u awtonoma, tant li hu pacifiku li l-kontro-talba setghet tibqa' tigi konsidrata u deciza, nonostante illi t-talba attrici tkun per ezempju giet ceduta. Dan ifisser illi kemm l-azzjoni, kif ukoll il-kontro-talba kellhom in-natura propja taghhom, u kienu konnessi biss sal-punt illi l-ligi, fil-limiti wiesgha, tesigi biex il-konvenut ikun jista' jipproponi kontro-talba.

**"Dwar it-tifsir tal-konnessjoni mehtiega mal-azzjoni attrici biex tista' triegi l-kontro-talba, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahedhom f'ezistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija. Ghalhekk, b' "konnessjoni" wiehed certament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha. Izda l-elementi li trid il-ligi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss.[1]"** ;
u cioe' fil-kaz tal-Kapitolu 378 illi il-kontro-talba ghandu jkollha x'taqsam jew tkun tirrigwarda t-talba li tkun saret kontra l-intimat, u l-valur tal-kontro-talba ma ghandux ikun jeccedi tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (3,494.06)[2].

Ir-rekwisiti sabiex issir il-kontro-talba huma: *a) "la comunanza di origine delle due cause", ovverro b) "la eliminazione reciproca delle due domande."* Il-legislatur kien liberali sew, u l-intenzjoni tieghu kienet mhux biss li tigi eliminata l-obbligazzjoni attrici, jew ikkompensata, izda ukoll jekk id-domandi

[1] Joseph Scerri vs Anna Fenech et - PA 03/07/2003

[2] Regolament 5.1 tal-L.S. 378.01

attrici jigu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.

Illi l-iskop tal-kontro-talba, ghalhekk, huwa sabiex zewg kawzi bejn l-istess partijiet jinstemghu fi process wiehed, u b'hekk jigu evitati multiplicita' ta' kawzi bejn l-istess persuni.

"**Dan kollu ghaliex ir-rikonvenzjoni bhala mezz ta` difiza giet gustament estiza mill-legislatur ghall-dawk il-kazi kollha fejn il-konvenut, ikun jista` jiddefendi ruhu billi jagixxi kontra l-attur tieghu**[3]."

Illi stabbilit ghalhekk illi l-kontro-talba kellha hajja inidpendenti minn dik attrici, kwindi it-Tribunal ma setax jiskarta dik il-kontro-talba minghajr ma jaghti motivazzjoni xierqa u adegwata ghar-rigett ta'l-istess, haga li ma tidhirx illi saret fid-decizjoni impunjata.

Illi mill-atti probatorji jidher illi l-attrici kien ghad fadlilha bilanc pendenti ams-socjeta appellanti fl-ammont ta' €1800. Dan ghaliex hija waqqfet il-pagament minnha maghmul permezz ta' cekk minhabba d-difetti riskontrati fil-bibien rodnati u ikkonsenjati lilha minn ghand is-socjeta appellanti. Illi dawn id-difetti fil-fatt gew stabbiliti mill-espert innominat mit-Tribunal Vincent Ciliberti li jikkonkludi illi l-ixpakkar fid-disinn tal-box frames kien difett tal-manifattura filwaqt illi l-infieh f' uhud mill-bibien kien dovut ghal laminate irqieqa li biha gew imlibbsa il-bibien u ghalhekk nuqqas ta' insulazzjoni mill-ilma. Ghalhekk jikkonkludi:

"L-esponenti huwa ta'l-opinjoni li l-bibien tal-kwalita nstallati huma ferm suxettibbli ghal infieh il-mument li jmissu ma'l-ilmijiet, fis-sens, illi wiehed japprezza, li l-hasil ta'l-art fir-residenzi mizmuma nodfa, hija haga mill-aktar

[3] Farrugia vs Farrugia PA 06/03/2003

frekwenti, u li prorpju ghalhekk l-bibien affetwati immanifestaw infieh fil-livelli l-aktar qrib l-art."

Illi ghalkemm l-attrici ma intavolat l-ebda risposta ghal kontro-talba maghmula mis-socjeata appellanti, madanakollu "*il-giudizio dell`arte* espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux … jigi skartat facilment, ammenoke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("Bugeja et vs Muscat et" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967). Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost u cioe' tal-konsiderazzjonijiet moghtija mill-espert nominat mit-tribunal u li jikkostitwixxi prova fl-atti, ma hemm l-ebda dubju li (i) hemm vizzju tal-oggett mixtri; (ii) li dan il-vizzju kien wiehed serju u ta' certu gravita'; (iii) li kien pre-ezistenti ghal bejgh jew ezistenti fil-mument tal-bejgh. Dan iwassal lil din il-qorti ghal konkluzjoni ghalhekk illi l-kontro-talba ma jisthoqqilhiex akkoljiment billi l-bilanc dovut ghandu jaghmel tajjeb ghad-difetti kollha riskontrati fil-bibien mibjugha u ikkonsenjati lill-appellata.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravvju sollevat mis-socjeta appellanti u tichad l-aggravvji l-ohra u u bis-setgha moghti lilha bl-artikolu 22(4) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, tghaddi biex tichad il-kontro-talba imressqa mis-socjeta appellanti.

L-ispejjez ghandhom jinqassmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------